DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/577

tat-8 ta' April 2019

li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika ta' Ċipru, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern ta' Ċipru,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]), (UE) 2015/190 ([2]) u (UE) 2015/994 ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fis-26 ta' Lulju 2016, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1233 ([4]), is-Sur Kyriakos CHATZITTOFIS ġie sostitwit mis-Sur Stavros YEROLATSITES bħala membru supplenti. Fil-5 ta' Mejju 2017, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/799 ([5]), is-Sur Stavros YEROLATSITES ġie sostitwit mis-Sur Kyprianos ANDRONIKOU bħala membru supplenti.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Kyprianos ANDRONIKOU, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huwa b'dan maħtur membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali:

— is-Sur Kyriacos XYDIAS, *Mayor of Yermasoyia Municipality.*

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-8 ta' April 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1233 tas-26 ta' Lulju 2016 li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Repubblika ta' Ċipru, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 202, 28.7.2016, p. 41).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/799 tal-5 ta' Mejju 2017 li taħtar tliet membri u żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika ta' Ċipru, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 120, 11.5.2017, p. 20).